# IT-TIELET PARTI
# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**3 ta' Frar, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Stephen Borg Cardona B.A., LL.D.**

N.N.

*versus*

N.N.

**Alimenti – Tifel Illeġittimu – Preskrizzjoni – Missier**

*L-omm għandha dritt ta' rigress kontra l-missier għall-alimenti forniti lit-tifel illeġittimu tiegħu. Il-preskrizzjoni applikabbli f'din il-materja hija ta' ħames snin.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fis-7 ta' Awissu 1979 twieled binha Patrick skond kif jidher mill-anness ċertifikat immarkat Dok. A; Premess illi dan it-tifel twieled mir-relazzjoni ta' l-attriċi, li kienet xebba, mal-konvenut; Premess illi l-konvenut naqas li jforniha

b'manteniment ta' l-istess tifel; Talbet lil din il-Qorti, *previa occorrendo* dikjarazzjoni li l-konvenut huwa l-missier naturali tal-wild fuq imsemmi, għar-raġunijiet premessi;

(1) Tikkundanna lill-konvenut iħallas dik ir-retta alimentari li tiġi stabbilita minn dina l-Qorti bil-modalità ta' ħin, lok u ġurnata li jidhrilha xierqa u opportuni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi, il-lista tax-xhieda tagħha u d-dokument esibit minnha;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn qal: (1) illi fl-ewwel lok id-domanda għall-kundanna tal-ħlas ta' retta alimentarja hija nulla peress li ma hemm ebda domanda għad-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa l-missier naturali ta' Patrick Cassar; (2) illi fit-tieni lok, u bla preġudizzju għall-premess, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, peress li mhux veru li l-eċċipjenti huwa l-missier naturali ta' Patrick Cassar; Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Il-konvenut naqas li jressaq il-provi tiegħu speċjalment dwar dak li qal fid-dikjarazzjoni tiegħu dwar li l-attriċi "baqgħet tiffrekwenta diversi rġiel" u li huwa qatt ma ffrekwenta lill-attriċi wara April, 1978. Anzi jirriżulta mix-xiehda li huwa baqa' jiġi fil-post fejn kien jiltaqa' ma' l-attriċi avolja huwa kien iżżewweġ, u li kienet toħroġ biss mal-konvenut. Illi m'hemmx dubju li l-attriċi kienet unikament u kontinwament ikollha x'taqsam mal-konvenut mhux biss fiż-żmien ta' qabel il-konċepiment tat-tarbija imma anke wara;

Il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu jgħid lil ma sarux provi

speċifiċi dwar l-ammont ta' alimenti, il-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 93 jgħid li l-missier għandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skond il-mezzi tiegħu, it-tifel illeġittimu magħruf minnu bħala ibnu u dan, skond l-artikolu ta' wara, għandu japplika għal min ma jkunx għaraf b'ibnu lit-tifel, iżda li jkun ġie ddikjarat b'sentenza tal-Qorti bħala missieru;

Il-Perit Legali qal fir-relazzjoni tiegħu, li "jħoss illi fiċ-ċirkostanzi ammont nominali ta' Lm5 fil-ġimgħa għall-mument ikun ġust"; il-Qorti tinnota dan l-apprezzament tal-perit legali li jkun ibbaża l-ġudizzju tiegħu fuq dak li ra u sema' waqt is-seduti li żamm; kif ukoll meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-*"minimum wage"*;

Illi hi regola li l-Qrati tagħna jiffissaw rata *"per diem"*;

Illi fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Diċembru, 1946 *in re:* Filippa Grech *vs* Antonio Magri" (Vol. XXXII.I.468) ġie ritenut li l-omm li, bħala obbligata sussidjarja, mantniet lit-tifel, għandha regress kontra l-missier fil-miżura ta' l-alimenti akkordati bis-sentenza li ddikjarat il-paternità naturali in forza ta' l-azzjoni *"de in rem verso"*, u dan mhux biss għall-alimenti li tkun tat lit-tifel mid-data tas-sentenza imma wkoll mid-data tat-twelid tiegħu;

Illi ġie ritenut ukoll fil-preċitata sentenza li l-azzjoni għal dawn l-alimenti tippreskrivi ruħha f'ħames snin. Illi t-tifel Patrick Cassar twieled fis-7 ta' Awissu, 1979 u ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fit-23 ta' Ottubru 1980 u hekk l-alimenti huma dovuti mill-ġurnata tat-twelid;

Għalhekk, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, alimenti ta' 75ċ

(ħamsa u sebgħin ċenteżmu Maltija) kuljum għall-imsemmi minuri huma ġusti u adegwati;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeċidi li għandha tilqa' t-talba attriċi billi tiddikjara li l-konvenut Carmelo Magro huwa l-missier naturali tat-tifel Patrick li twieled fis-7 ta' Awissu, 1979, minn l-attriċi Mary Cassar, u tikkundanna lill-istess konvenut Carmelo Magro jħallas lill-attriċi b'effett mill-istess data bħala retta alimentari għall-istess minuri s-somma ta' 75ċ (ħamsa u sebgħin ċenteżmu) kuljum;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.